**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 138 tas-26 ta' Ġunju 2023 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2023, wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, l-Onor. Darren Carabott u l-Onor. Ian Vassallo ġibdu l-attenzjoni tas-Sedja li għal diversi drabi mistoqsijiet parlamentari li għamlu diversi drabi baqgħu ma ġewx imwieġba mill-Ministri rispettivi u nikkwota:

> **ONOR. DARREN CARABOTT:** ... Nagħmel referenza għall-aħħar risposta li suppost irċevejt illum, għaliex din hija r-raba' darba li għamilt id-domanda sempliċi lill-Ministru Clifton Grima fir-rigward tat-tablets: Wara li jsir l-użu minnhom mit-tfal fl-iskejjel tagħna, x'qed isir minnhom? Dak li qed nistaqsi jien: x'qiegħed isir minn dawn it-tablets. Il-Ministru l-ewwel darba kien irrispondieni u qalli li qed jinħażnu però mhux qiegħed jirrispondini fl-intier tad-domanda.... Qed nagħmel referenza għal dawn id-domandi. L-ewwel domanda parlamentari kienet numru 7920, wara saret id-domanda parlamentari 8508, imbagħad erġajt għamilt domanda oħra 8687, u llum kelli d-domanda parlamentari 8928. Dawk huma l-erba' domandi li għamilt u li għalihom għadni ma rċevejtx ir-risposta fl-intier mingħand il-Ministru.
>
> **ONOR. IAN VASSALLO:** ... jien ukoll punt fuq mistoqsijiet parlamentari nixtieq nagħmel, għaliex sfortunatament qed nagħmel mistoqsija lill-Ministru tas-Saħħa Chris Fearne, il-mistoqsija parlamentari 5283, fejn staqsejtu għal informazzjoni dwar infermiera, allied health professionals u tobba li rriżenjaw fl-aħħar għaxar snin, iżda sfortunatament il-Ministru mhux qiegħed iwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u mhux iwieġeb lanqas għall-2021 u l-2022. Il-mistoqsijiet parlamentari huma 5283, it-tieni mistoqsija parlamentari hija 6261, it-tielet mistoqsija parlamentari hija 7853, ir-raba' mistoqsija parlamentari hija 8817 u staqsejtu wkoll personalment f'din il-Kamra l-ġimgħa l-oħra.

Is-Sedja għal darb'oħra terġa' ttenni illi – kif għamlet diversi drabi, anke f'din il-Leġiżlatura, pereżempju fis-seduti 29, 33 u 36 tal-5, 17 u 24 ta' Ottubru 2022 rispettivament – hija ma għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom.

Is-Sedja, madankollu, kif għamlet ukoll fid-diskors tas-Sette Giugno ta' din is-sena, tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa' tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli.